MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 124/2007/1

**Pawla Tabone kemm f'isimha proprju u**
**f'isem ħuha msiefer Pietru Tabone;**
**u f'isem in-neputi tagħha l-imsiefer Peter Tabone,**
**u b'digriet tas-26 ta' Frar 2010 il-ġudizzju ġie trasfuż**
**f'isem Pawla Tabone għan-nom ta' ulied Pietru Pawl**
**Tabone,**
**Frank, Peter Paul, Joseph u Maria mart Troy Suttie**
***stante* l-mewt ta' Pietru Pawl Tabone;**
**Emanuel Vella u Frank Vella**

**v.**

**Carmelo Cauchi kemm f'ismu proprju**
**u f'isem ħutu l-imsefrin Mario Cauchi,**

**Joseph Cauchi u Jane mart Carmel Vella u Louis Cauchi**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn dikriet mogħti fit-23 ta’ Marzu 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali li bih ġiet miċħuda talba tal-istess konvenuti biex l-attriċi twieġeb għal xi mistoqsijiet u tkun imġiegħla tipproduċi xi dokumenti.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Waqt seduta quddiem assistent ġudizzjarju l-konvenuti għamlu xi mistoqsijiet lill-attriċi msejħa għas-subizzjoni u talbu wkoll li tipproduċi xi dokumenti. L-attriċi opponiet għax dehrilha illi dawn ma humiex mistoqsijiet “in subizzjoni”. Il-konvenuti għalhekk b’rikors tat-28 ta’ Novembru 2011 talbu illi l-Qorti tordna lill-attriċi twieġeb għall-mistoqsijiet u tipproduċi wkoll id-dokumenti.

3. L-attriċi wieġbet fis-7 ta’ Diċembru 2011 u fissret għala, fil-fehma tagħha, it-talba għandha tiġi miċħuda.

4. Bid-dikriet tat-23 ta’ Marzu 2012 li minnu sar dan l-appell l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“… din it-talba tirrigwarda kwistjoni li qamet bejn il-kontendenti dwar kif għandha tiġi regolata d-depożizzjoni tal-attriċi li ġiet prodotta mill-konvenuti biex tixhed in subizzjoni.

“…

“Dwar il-mertu tal-kwistjoni preżenti, mhux kontestat illi l-mezz ta’ prova bis-subizzjoni hu konsentit mil-liġi proċedurali tagħna bl-artikolu 714 tal-Kap. 12. Li mhumiex jaqblu l-kontendenti huwa dwar it-tip ta’ mistoqsijiet li jistgħu jsiru in subizzjoni. L-artikolu sussegwenti tal-liġi jgħid li “s-subizzjoni tista’ tintalab fuq il-kwistjonijiet kollha fil-kawża, jew fuq parti jew oħra minnha, kif ukoll fuq kull fatt partikolari li jkollu x’jaqsam mal-kawża”. Dan ifisser li tista’ ssir kwalunkwe domanda, basta li jkollha x’taqsam mal-każ in eżami. Madankollu l-liġi tagħna ma tispjegax kif għandhom isiru dawn id-domandi.

»Is-subizzjoni tista’ ssir permezz ta’ konfessjoni taċita, li tiġri meta jkunu ġew ippreżentati l-kapitoli għas-subizzjoni indirizzati lejn parti li tkun naqset li tidher għas-smigħ ta’ kawża, f’liema każ jiġu meqjusa bħala ammessi jekk dik il-parti terġa’ ma tidhirx għall-udjenza sussegwenti li għaliha

l-qorti tkun iddifferiet il-kawża. Tista’ ssir ukoll permezz tal-konfessjoni ġudizzjali, meta parti tkun trid tressaq bħala xhud tagħha stess lill-parti l-oħra fil-kawża. Billi l-iskop ta’ din is-subizzjoni hija li twassal lill-parti kuntrarja biex tammetti xi ħaġa li tkun ta' benefiċċju għal dik il-parti li tkun qed tagħmel id-domandi, dawn għandhom ikunu tali li t-tweġiba għalihom tieħu forma ta’ affermazzjoni jew negazzjoni, tant li t-tweġiba għandha tkun biss “iva” jew “le”. Ir-Ricci (para. 791) jispjega f’dan ir-rigward illi “*La parte deve rispondere categoricamente sui fatti sopra di cui è interrogata, esprimendosi in modo chiaro e preciso, e cosí evitando le oscuità, le ambiguità, le incertezze*”.
“Għalhekk m’hua permissibbli l-ebda domandi lijitolbu x-xhud in subizzjoni biex tipproduċi xi dokumenti, u lanqas dawk li jitolbu risposta oħra li tirrikjedi iżjed minn sempliċi affermazzjoni jew negazzjoni. …”

5. Il-konvenuti appellaw b’rikors tas-26 ta’ April 2012, wara li ngħataw fakoltà jagħmlu hekk b’dikriet tal-20 ta’ April 2012, u l-attriċi wieġbet fil-15 ta’ Mejju 2012. Fit-tweġiba tagħha l-attriċi ressqet żewġ eċċezzjonijiet preliminari li jeħtieġ li jiġu meqjusa qabel il-meritu tal-appell. L-eċċezzjonijiet huma dawn:

6. l-appell ma jiswiex għax fl-*occhio* tar-rikors ma ssemmewx l-atturi kollha billi ma jissemmewx l-atturi Emanuel Vella u Frank Vella, li wkoll ma ġewx notifikati; u

7. l-appell huwa intempestiv billli taħt l-art. 229(1)(*e*) u (*f*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili appell minn dikriet li jippermetti jew jiċħad talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud u minn dikriet li jippermetti jew jiċħad talba biex jiġu prodotti dokumenti minn xhud jista’ jsir biss wara s-sentenza finali.

8. L-ewwel aggravju – in-nuqqas li jissemmew l-atturi Emanuel Vella u Frank Vella fir-rikors tal-appell – issa huwa superat wara li l-Qorti nqdiet bis-setgħa li jagħtiha l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li “tordna jew tippermetti, f’kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell … kif ukoll kull żball fl-isem … tal-partijiet”.

9. It-tieni eċċezzjoni tgħid illi l-appell ma setax sar f’dan l-istadju għax id-dikriet li minnu sar l-appell jintlaqat bl-art. 229(1)(*e*) u (*f*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"**229.** (1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:
"…
"(*e*) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skont l-artikolu 587;
"(*f*) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-artikolu 637;"
10. L-artt. 587 u 637 jgħidu hekk:
"**587.** Ix-xhud għandu jwieġeb għal kull mistoqsija li l-qorti tippermetti li ssirlu; u l-qorti tista' ġġiegħlu jwieġeb billi tordna d-detenzjoni tiegħu sakemm ikun ħalef u wieġeb.«
"**637.** (1) Tista' tintalab l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' ħaddieħor –
"…
"(*b*) jekk id-dokumenti jkunu sew tal-parti li titlob l-esibizzjoni tagħhom kemm tal-parti li kontra tagħha jintalbu;
"(*ċ*) jekk il-parti li titlob l-esibizzjoni tad-dokumenti, għalkemm id-dokumenti ma jkunux tagħha jew ma jkollhiex sehem fihom, turi li għandha interess li jinġiebu mill-parti l-oħra fil-kawża;"
11. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-dikriet li minnu sar l-appell tassew ingħata taħt id-dispożizzjonijiet tal-artt. 587 u 637. Għalhekk l-appell huwa intempestiv, u jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza.
12. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti f'dan l-istadju ma tqisx l-appell u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex jitkompla s-smigħ, bla ħsara għall-jedd tal-konvenuti illi, jekk ikun il-każ, jappellaw mid-dikriet fl-istadju li tippermetti l-liġi.
13. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------